MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 151/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-paritijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija tlieta u sebghin (1973), u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, fosthom il-minuri Graziella B ta' sittax (16) il-sena; li l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija, ingurji gravi u adulterju kommessi kontra taghha mill-konvenut ; li l-hajja mizzewga tkissret irrevokabilment ; li hija talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehitiega sabiex tipprocedi kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, dana skond digriet mghoti minn din l-Onorabbli Qorti fit-tnax ta' April, elfejn u erba' (12.04.2004) ; u ghalhekk qed titlob li din il-Qorti :

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba eccessi sevizzi, minacci, u ingurji kommessi mill-konvenut kontra l-attrici martu;

2) Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Graziella B, salv l-access tal-konvenut b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xierqa ;

3) Tikkundana lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal bintha minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri ;

4) Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, in *toto* jew *in parte ;*

5) Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida l-beni in komuni bejniethom okkorrendo b'opera ta' perit nominandi, u billi tkun stabbilita data li minnha l-konvenut ma jitqiesx intitolat ghall-akkwisti maghmula bix-xoghol ta' l-attrici, u billi jkun nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att ;

6) Tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali ad esklusjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop ;

7) Tikkundana lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali taghha ; bl-ispejjez u bl-ngunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa li :

1) Hu jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux

ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici u ghalhekk qieghed jipprocedi permezz tas-segwenti kontro-talba ;

2) Illi ghat- tkissir irrimedjabbli taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti hija biss responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hatja kontra zewgha ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi b’mod li rrendiet impossibbli l-hajja konjugali bejniethom u ghaldaqstant l-esponent jeccepixxi li ma ghandux jehel ebda spejjez ta’ din il-procedura ;

3) Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata konguntivament bejn il-partijiet u li ghandu jkollu f’kull kaz access liberu ghall-istess minuri tenut kont ukoll tal-fatt li l-minuri llum il-gurnata ghandha sbatax-il sena ;

4) Illi l-tielet talba tac-citazzjoni attrici ghandha tigi michuda stante li l-minuri hija kwazi maggorenni u fi kwlaunkwe kaz hu qieghed jiehu hsieb ghal bzonnijiet taghha u l-attrici ghandha mezzi sufficjenti sabiex tmantni lilha nnifisha u hija kapaci tahdem ;

5) Illi r-raba’ talba tac-citazzjoni attrici ghandha tigi michuda peress li ghal ksur taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti hija responsabbli biss l-attrici u hu ma ghandux ibati ebda sanzjonijiet kontemplati fil-ligi ;

6) Illi l-hames talba tac-citazzjoni attrici mhijiex opposta limitatament ghal dak li jirrigwarda x-xoljiment u likwidazzjoni intitolat ghall-akkwisti maghmula bix-xoghol tal-attrici wara data li ghandha tigi stabilita minn dina l-Onorabbli Qorti ghandha tigi michuda ;

7) Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda stante li ma jezistux l-estremi mehtiega fil-ligi sabiex tigi akkolta din it-talba kif ser jirrizulta ahjar tul it-trattazzjoni tal-kawza ;

8) Illi s-seba’ talba tac-citazzjoni attrici ghandha tigi michuda stante li hu ma ghandu ebda beni parafernali tal-attrici fil-pussess tieghu ;

9) Salv eccezzjonijiet ulterjuri ;

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li hi nserita fil-process a fols 121 - 123 u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess (Appendici A) ;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata, u li hi nserita fil-process a fols. 125 sa 127 li kopja taghha qeda tigi anessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess (Appendici B) ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar esibita a fols 170 sa 196.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Ludvic Caruana a fols. 510 *et seq*. tal-process ;.

Ikkunsidrat :

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni u tal-kontro-talba, il-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali bejniethom stante li z-zwieg taghhom tkisser irrmedjabbilment, ghal ragunijiet imputtabbli lil xulxin fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ; qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta, li l-partijiet izzewgu fl-24 Marzu 1973 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, li llum it-tlieta huma maggorenni.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-atttrici tghid li matul il-hajja mizzewga, il-konvenut kien jerfa' idejh fuqha, izda hi qatt ma ghamlet rapporti qabel peress li ma kinitx xtaqet tissepara billi kienet ghadha qeda trabbi t-tfal li kienu ghandhom zghar ; izda eventwalment hi marret l-Ghassa tal-pulizija u talbet biex il-konvenut jigi mwissi sabiex ma jibqax isawwatha. Tghid ukoll li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra, beda johrog kmieni filghodu u jirritorna d-dar tard, gieli anke ma

raqadx id-dar, u kien jgib skuzi ghad-dewmien u n-nuqqas tieghu, li skond hi, kienu jidhru li m' hummiex veru u; sahansitra darba hi u zewg persuni ohra rawh ma' mara ohra hiereg minn ghalqa taghhom.

Tghid li l-konvenut kien naqqas milli jmantni lilha u lil bintha, dak iz-zmien minorenni, minkejja li ghandu flus kif juri l-fatt li hu jonfoq hafna flus biex izomm zwiemel tat-tigrija.

Il-verzjoni ta' l-attrici ssib grad ta' sostenn fix-xhieda ta' Jeanette Azzopardi, l-gharusa tat-tifel.

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut, minn naha tieghu jghid li l-inkwiet matrimonjali beda meta l-mara, f'wahda mill-viziti li kien ikollha l-isptar, il-professur kien qallha li ser ibidlilha l-pilloli ; meta staqsijha fuq dan hi ma taghtux soddisfazzjon u hu irritalja billi waqaf milli jwassalha l-isptar. Il-konvenut jhgid li hi kellha hwienet li kienet tamministra hi u wahedha u ma kinitx taghtih soddisfazzjon.

Kienet haditha kontra tieghu meta pprova jiddixxiplina t-tifla, dak iz-zmien addoloxxenti, fil-hin li kellha tirritorna d-dar peress li dina kienet tirritorn bla hinijiet fissi. Jghid li kien beda jara certu mibgheda u bruda minn naha tal-mara li bdiet qisu tarah ikrah u bdiet twarrbu ; waqqfet milli tahsillu l-hwejjeg ghal xi zmien u zbarazzat id-dar mill-affarijiet tieghu personali tieghu bhal trophies u ritratti.

Il-konvenut, jichad l-allegazzjonijiet ta' swat kif ukoll li kellu x'jaqsam ma' mara, li flimkien mal-familja taghha, kellha *horse-riding* school. Fil-fatt hu gieli ghamel xi negozju maghhom peress li kien jixtri z-zwiemel u jiddilletta biz-zwiemel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li l-hajja konjugli bejniethom m'ghandhiex aktar possibbli u li ghal dan jahtu z-zewg partijiet li bil-komportament

taghhom it-tnejn wegghu lil xulxin psikologikament u emozzjonalment.

Dwar l-allegazzjoni tal-vjolenza fizika, li wkoll xehdet fuqha l-gharusa tat-tifel , il-Qorti tosserva li dan l-agir ma kienx issostanzjat sufficjentement.

Dwar l-allegazzjoni ta’ adulterju minn naha tal-konvenut, il-Qorti tosserva li dan ma giex sostanzjat u l-incident izolat ta’ meta il-konvenut deher hiereg mill-ghalqa fil-kumpanija ta’ mara ohra ma jistax jikkostitwixxi prova sodsifacenti, la ta’ hbiberija ngurjuza u lanqas ta’ adulterju. L-allegazzjoni ta’ adulterju min naha tal-attrici baqghet biss allegazzjoni da parti tal-konvenut, ghax ma ngabet ebda prova fir-rigward.

Ukoll dwar l-allegazzjonjiet ta’ sevizzi eccessi, minacci u mohqrija, il-Qorti tosserva li ma kienx hemm tali cirkostanzi minn l-ebda wiehed mill-partijiet fil-konfront ta’ xulxin. Iz-zewg partijiet wahhlu f’xulxin ghat-thassir taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet li, bil-komportament taghhom reciproku, rrendew impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Ghaldaqstant iz-zewg partijiet ghandhom jinzammu ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Inoltre, il-Qorti thoss li m’hemmx lok ghall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet elenkati fil-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kura u Kustodja Tat-tfal**
Illum it-tlett itfal tal-partijiet huma maggorenni, u ghalhekk dan il-kap jinsab sorvolat bit-trapass taz-zmien.

**Manteniment**
Illi f’dan ir-rigward il-Qorti, taddotta l-konsiderazzjonijet maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-pagni 15 sa 17 [a fols.525 – 527], li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern

sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici C] ; <u>salv</u> ghal dak li ser jinghad aktar ‘ l isfel

Mill-provi jirrizulta li l-attrici, li hi wkoll hatja tas-separazzjoni personali u kapaci tahdem, u, wara l-likwidazzjoni tal-komunjoni, ser ikollha mezzi bizzejjed sabiex tipprovdi ghal ghijxien taghha. Mill-banda l-ohra pero’ jirrizulta li llum qed tghix fuq l-assistenza socjali. Ghaldaqstant il-Qorti tordna li, *rebus sic stantibus*, il-konvenut ihallas lill-attrici ghal zmien sentejn is-somma ta’ mitejn ewro fix-xahar [€200] bhala manteniment. Fil-frattemp l-attrici ghandha tiggestixxi l-assi assenjati lilha biex tippercepixxi ntrojtu adewgat ghal manteniment taghha.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti :**
Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-pagni numri 17 sa 29, li kopja taghhom qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici D] ; u tordna li l-assenjazzjoni ta’ l-assi tal-komunjoni ssir kif propost mill-perit legali, <u>salv</u> ghal dak li ser jinghad aktar ‘l isfel.

Illi fil-kaz li l-attrici ghadha tirrisjedi fid-dar matrimonjali, hija qed tigi ordnata sabiex tallontana ruhha mill-istess fond fi zmien tlett xhur.

*Vetturi*
Illi tenut kont tal-fatt li l-vetturi ser jinqasmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet, jew ser jinbieghu f’ kaz ta’ nuqqas ta’ ftehim kif rakkomandat mill-perit legali, il-Qorti tordna li d-djun gravanti dawn il-vetturi, inkluzi licenzji u multi, bhala djun tal-komunjoni, jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet. Inoltre, ghall-iskop ta’ stima tal-valur taghhom, il-Qorti, fin-nuqqas ta’ ftehim bejn il-partijiet, qed tinnomina, a spejjez taz-zewg partijiet, lil C Zammit sabiex jaghmel stima attwali ta’l-istess.

*Mobbli*
Illi f’ dan ir-rigward, fin-nuqqas ta’ ftehim bejn il-partijiet dwar il-valur taghhom, il-Qorti tinnomina lill-istimatur

Vincent Ciliberti, a spejjez taz-zewg partijiet, sabiex jaghmel stima ta' l-istess.

*Djun*
Illi rigward kontijiet tad-dawl u ilma u tat-telephone fid-dar matrimonjali u li ghadhom pendenti sallum, dawn ghandhom jinqasmu wgwalment bejn il-partijiet.

*Proposta konvenut*
Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut ippropona pjan ta' qasma li jikkontempla li d-dar matrimonjali, proprjeta' parafernali tieghu, tigi assenjata lill-attrici, sabiex din ikollha fejn toqghod, u ma jkollhiex bzonn ta' manteniment. Il-Qorti tosserva li l-likwidazzjoni li ssir mill-Qorti hija tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u, ghalhekk din il-Qorti, fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partjiiet, ma tistax taddotta proposta fejn parti tkun lesta li tassenja lill-parti l-ohra proprjeta' parafernali taghha, kemm-il darba din il-proposta ma tkunx giet accettata mill-parti l-ohra.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, l-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni ssir kif fuq ordnat mill-Qorti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi :
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrevokabbilment tort taz-zewg partijiet ;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tifla saret maggjorenni ;
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment' ;
[4] tichad ir-raba' talba ;
[5] tilqa' il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' ;
[6] tichad is-sitt talba ;
[7] tichad is-seba' talba ;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi :
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz ;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, ghall-istess raguni fuq indikata ;
[3] tilqa’ it-tielet talba limitatament u fis-sens gja fuq deciz ;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba, u tiddikjara li l-fond numru tlieta [3] Sqaq numru sitta [6] Main Street, Gudja jappartjeni lill-konvenut fl-intier tieghu u ma jibqax jitqies bhala d-dar matrimonjali, u tordna l-izgumbrament ta’ l-attrici mill-istess fond fi zmien tlett xhur millum ;
[5] tichad il-hames talba

L-ispejjez ta’ l-azzjoni u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet b’ mod ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------